# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 32

15 ta' Diċembru 2016

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera
Stephen Caruana - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **32.1** | **Qari ta' Ittri ta' Apologiji** |
| 32.1.1 | Ma kienx hemm |
| **32.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 32.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduti precedenti, seduta numru 31, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija. |
| 32.2.2 | Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Horace Gauci issekondata mis-SaJanice Chetcuti, il-minuti ta' seduta 31, gew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti. |
| 32.2.3 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett. |
| 32.2.4 | Is-Sa. Janice Chetcuti qalet illi b'konnessjoni ma' Seduta 31 xtaqet illi jigi nnotat illi mozzjoni identika ghal dik li kienet ipproponiet hija (Mozzjoni nru.3/2016) kienet tressqet waqt seduta tal-Kunsill Lokali taz-Zejtun u gie approvata. |
| **32.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 32.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'konsultazzjoni pubblika li kienet inzammet nhar it-18 ta' Novembru 201 b'konnessjoni mal-permess IPPC tal-impjant ta' generazzjoni ta' elettriku f'Delimara. |
| 32.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien attenda ghal-laqgha li matulha kienu gew diskussi temi relatati mar-rijorganizzazzjoni tas-suq fil-berah ta' nhar ta' hadd. |
| 32.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-22 ta' Novembru 2016, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attenda ghal laqgha mas-Sur Raymond Zammit f'isem LESA li matulha kienu gew diskussi diffikultajiet u abbuzi fil-lokalita' u kif LESA setghet tikkontribwixxi. |
| 32.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi flimkien mal-Kunsilliera Janice Chetcuti u s-segretarju Ezekuttiv kien iltaqa' mal-Kumpanija AIS Ltd. li kienet qieghda tiehu hsieb *Environmental Impact Assessment* b'konnessjoni mal-izvilupp ta' lukanda f'Delimara. |
| 32.3.5 | Is-Sindku qal illi nhar l-1 ta' Dicembru 2016 kien attenda f'isem il-Kunsill Lokali ghal Jum il-Premjazzjoni gewwa l-iskola primarja tal-lokalita'. |
| 32.3.6 | Is-Sindku qal illi nhar l-10 ta' Dicembru 2016, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien attenda ghal laqgha tal-Kunsilli Lokali li jifformaw ir-Regjun Xlokk li kienet giet ikkordinata mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali. |
| 32.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-12 ta' Dicembru 2016 kien iltaqa' mal-Onor. Silvio Parnis u kien iddiskuta evetwali zviluppi li setghu isiru bit-torri Vendome. |

| | |
|---|---|
| 32.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-13 ta' Dicembru f'attivita' kkordinata flimkien mal-parrocca tal-lokalita' numru ta' residenti kienu marru jaghtu donazzjoni ta' demm. |
| 32.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar il-15 ta' Dicembru 2016 kienet inzammet laqgha tal-Kumitat tal-finanzi li matulha fost affarijiet ohra kienu gew diskussi l-estimi finanzjarji ghall-2017. |
| 32.3.10 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi f'isem l-istess Kunsill Lokali kienet ser tkun qieghda tintbaghat ittra ta' ringrazzjament lil zghazagh li kienu ghamlu tizjin ghal zmien il-Milied b'mod volontarju f'postijiet pubblici. |
| **32.4** | **Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 32.4.1 | Is-sur Steven Grech staqsa "Nistaqsi dwar x'ser jigri mis-sigar taz-zebbug ta' Triq il-Port Ruman".<br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kienet saret talba ssabiex ix-xoghol imsemmi isir mill-Gvern Centrali. Ma kien hemm ebda risposta definitiva fir-rigward. |
| 32.4.2 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa " John Vella gie bie jaghmel permess ghal parkegg fil-maghluq u ma kienx jaf li diga' hargu l-godda u ma applikax. Qed nistaqsi jistax jinhariglu wiehed".<br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s-sur Vella seta' japplika sabiex jinhariglu permess. |
| 32.4.3 | Is-Sa. Janice Chetucit staqsiet " ghaliex ghadhom ma tnehhewx il-barriers tal-konkos mill-bajja tal-Maghluq, dawn kie hemm bzonnhom fis-Sajf biex ir-residenti jgawdu mbl-ahjar mod possibbli l-bajja, pero' nemmen li m'ghandniex inhalluhom hemmhekk fiz-zminijiet tax-xitwa u specjalment fid-dawl tas-sanzjonijiet li gibdulna l-attenzjoni fuqhom mill-MEPA/ERA".<br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kienet intbaghtet lill-Kunsilliera korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand ERA. Sal-gurnata tas-seduta kienet ghadha ma waslitx.<br>Wara diskussjoni libera gie stabbilit illi galadarba ERA kienet infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet qieghda tirrevedi *enforcement notice* li kien ser johrog fil-konfront tal-Kunsill Lokali, ma kienx hemm il-bzonn illi l-barriers jitnehhew. |
| 32.4.4 | Is-Sa. Janice Chetcuti staqsiet "Il-Kunsill rega ressaq ilment tas-sajjieda mal-ministri kkoncernati hekk kif kienu gew imwieghda biex sussegwentamenti jinghataw post sigur u kif jixraq biex ikunu jistghu jitpoggew t-trailers taghhom? Dan irid ikun kemm jista' jkun vicin tal-bahar u f'post fejn b'rashom mistrieha jkunu f'pozizzjoni li jhallu dawn hemm minghajr ma jintefghu f'art li fiha jistghu ikunu ta' inkonvenjent ghall-membri l-ohra tal-komunita', izda li ikun wiehed permanenti u li jghinhom biex ikomplu s-sena bzonnjuza taghhom".<br>Is-Sindku qal illi l-koperativi bghatu ittra lill-kummissarju tal-pulizija u l-Kunsill lokali. Wara kienet ser issir laqgha mal-imsemmija flimkien sabiex wara l-Kunsill Lokali ilaqqa' lill-Onor. Galdes u Bonnici flimkien sabiex jinstabu s-soluzzjonijiet imwieghda u mixtieqa. Segwiet diskussjoni libera li matulha gie deciz illi kellha l-ewwel tissejjah laqgha mal-Onor. Galdes u Bonnici. |
| 32.4.5 | Is-Sa. Janice Chetcuti staqsiet " Twassal il-messagg tar-residenti tal-Port Ruman lill-Onor Galdes li huma ghandhom ragunijiet fuq x'hiex jibbazaw l-ilmenti taghhom rigward li ma jixtiequx li t-trailers tal-opri tal-bahar jitpoggew taht l-arja taghhom?". |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku wiegeb li risposta kienet diga' inghatat fil-mistoqsija precedenti. |
| 32.4.6 | Is-Sa. Janice Chetcuti staqsiet " Nixtieq ninghata dettalji li jirrigwardjaw l-ownership tal-parkegg ta' biswit il-grawnd tal-futbol gewwa l-lokalita' taghna.<br>Is-Segretarju Ezekuttic wiegeb li ufficjalment il-Kunsill Lokali ma kellu ebda informazzjoni. Fil-passat waslet informazzjoni mhux ufficjali li z-zona kienet tad-dipartiment tal-artijiet. |
| 32.4.7 | Is-Sa. Janice Chetcuti staqsiet " Huwa minnu li s-sidien tat-trailers gew offruta li jibdew idahhlu dawn it-trailers gewwa l-istess parkegg? Jekk dan jirrizulta fil-pozittiv, nixtieq inkun naf fuq liema tip ta' decizjoni dan il-ftehim intlahaq u minn min".<br>Is-Sindku wiegeb li jsitghu jittelghu d-dghajjes fl-*islipway* ta' quddiem Ella's (zona riservata ghas-sajjieda) basta ghal skop ta' manutenzjoni u tiswija.<br>Segwiet diskussjoni libera. |
| 32.4.8 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Jista' s-Segretarju jaghti rendikont ta' kemm intefqu flus biex saret il-bankina ta' Triq it-Trunciera. U meta jsir it-tarmac nistghu indahhlu 2 sleeping policemen ghal Triq Port Ruman"<br>" Jista' s-Segretarju jinfurmana f'hiex waslet il-kwistjoni dwar l-imwejjed u siggijiet".<br>"Dwar il-monti kif bqajna? U minn fejn se jibda' u jispicca".<br>"Jekk Triq Barthelemy mhux se tinfetah il-wisgha kollha(2 way) ser ikollna problema kbira".<br>-Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kienu intefqu 150 ewrou kienet saret bankina ta' 195 metru. Kemm il-darba jkun deciz mill-Kunsill Lokali seta' jiddahhal ix-xoghol ta' Triq il-Port Ruman.<br>-Sar survey u l-Kunsill Lokali kien qieghed jistenna li MTA taghmel spezzjoni fuq numru ta' stabbilimenti.<br>-Kienet qieghda tigi diskussa l-possibilita' li l-Gvern jixtri numru ta' posti peress li kien hemm numru ta' bejjiegha akbar minn dak li kienet tippermetti z-zona. Il-konfini tas-suq fil-berah kienu ser ikunu minn hdejn il-koperativa tas-sajjieda sal-istabbiliment Harbour Lights.<br>-Trid tigi diskussa ma Transport Malta. |
| **32.5** | **Rapporti** |
| 32.5.1 | Ma kienx hemm |
| **32.6** | **Performance bonuses tal-impjegati** |
| 32.6.1 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali performance appraisal report ghas-Sa. Caroline Desira. Is-Sur Gauci zied jghid illi wara li ddiskuta l-hidma tas-Sa. Desira mas-Segretarju Ezekuttiv kien qieghed jirrakkomanda illi s-Sa. Desira tinghata l-massimu ta' 6% bhala performance bonus.<br>Fuq proposta tas-Sur Stephen Caruana issekondat mis-Sur Daniel Zerafa il-Kunsill Lokali unanimanet qabel illi s-sa. Desira kellha tinghata performance bonus ta' 6%. |
| 32.6.2 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali performance appraisal report ghas-Sa. Joan Mifsud. Is-Sur Gauci zied jghid illi wara li ddiskuta l-hidma tas-Sa. Mifsud mas-Segretarju Ezekuttiv kien qieghed jirrakkomanda illi s-Sa. Mifsud tinghata l-massimu ta' 6% bhala performance bonus.<br>Fuq proposta tas-Sa. Janice Chetcuti issekondat mis-Sur Daniel Zerafa il-Kunsill Lokali |

| | |
|---|---|
| | unanimanet qabel illi s-sa. Mifsud kellha tinghata performance bonus ta' 6%. |
| 32.6.3 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali performance appraisal report ghas-Sur. Jordy Brincat. Is-Sur Gauci zied jghid illi wara li ddiskuta l-hidma tas-Sur Brincat mas-Segretarju Ezekuttiv kien qieghed jirrakkomanda illi s-Sur Brincat jinghata l-massimu ta' 6% bhala performance bonus.<br>Fuq proposta tas-Sur Horace Gauci issekondat mis-Sa. Janice Chetcuti il-Kunsill Lokali unanimanet qabel illi s-Sur Brincat kellu jinghata performance bonus ta' 6%. |
| 32.7 | **Korrispondenza** |
| 32.7.1 | Permezz ta' ittra datata 25 ta' Novembru 2016, ERA infurmat lill-Kunsill Lokali li kien qieghed jigi irtirat avviz ta' infurzar li kien ser jinhareg fil-konfront tal-Kunsill Lokali wara li l-istess Kunsill Lokali kien irregolarizza ruhu. |
| 32.7.2 | Permezz ta' ittra datata 6 ta' Dicembru 2016 Enemalta plc, infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet qieghda titlob lill-istess Kunsill Lokali kumpens ta' 16 000 ewro bhala danni ghal allegata hsara li kien sar f'cable ta' Enemalta plc fi Triq Xatt is-Sajjieda matul l-2016.<br>Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti illi kellu jintalab parir legali dwar il-materja. |
| 32.7.3 | Permezz ta' applikazzjonijiet datati 9 u 15 ta' Dicembru 2016, is-Sinjuri Godwin Cassar u Robert Pace talbu lill-Kunsill Lokali awtorizzazzjoni sabiex itellghu l-opri tal-bahar taghhom fuq l-art.<br>Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera illi t-talbiet ma setghux jigu milqugha. |
| 32.7.4 | Permezz ta' e-mail datat 14 ta' Dicembru 2016 is-Sur Joseph Zahra talab lill-Kunsill Lokali jekk kienux saru l-arrangamenti ghal laqgha ghas-sajjieda.<br>Is-Sindku spjega illi kien hemm nuqqas ta' ftehim fir-rigward u kien ha hsieb illi jinforma lis-Sur Zahra dwar kif kellu jimxi. |
| 32.7.5 | Permezz ta' ittra datata 12 ta' Dicembru 2016, Francesa Marie Saliba minn ERA infurmat lill-Kunsill lokali bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma' PA/04576/09. |
| 32.7.6 | E-mail datata 12 ta' Dicembru 2016 li permezz taghha is-Sur David Camilleri minn MSDEC-MFA ressaq proposti ta' tisbih dwar it-Torri ta' San Lucjan.<br>Gie deciz illi minkejja li kienu validi l-proposti tas-sur Camilleri ma setghux jigu implimentati minhabba li kienu jirrikjedu ammont ta' fondi konsiderevoli. |
| 32.7.7 | Permezz ta' e-mail datat 7 ta' Dicembru 2016, is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni ta' Cobra Installations Ltd. rigward incident li kien sehh f'binja li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda. |
| 32.7.8 | E-mail datat 12 ta' Dicembru 2016 li permezz tieghu, il-Kunsill Lokali regghet ingibditlu l-attenzjoni rigward ir-responsabilita' li jahtar deputat Segretarju Ezekuttiv.<br>Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera li ma kellha tittiehed ebda azzjoni dwar il-materja. |
| 32.7.9 | Permezz ta' e-mail datat 12 ta' Dicembru 2016, id-Dipartimetn ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali b'korsijiet fil-lingwa tal-Malti li kienu ser jittellghu.<br>Wara li s-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali bix-xewqa li jibghat lill-impjegati |

| | |
|---|---|
| | klerikali, liema proposta gie accettata mill-Kunsill Lokali, is-Sur Daniel Zerafa qal illi huwa wkoll kellu l-intenzjoni li jattendi. |
| F'dan l-istadju harget mis-Seduta is-Sa. Janice Chetcuti (6:15p.m.) | |
| 32.7.10 | Permezz ta' e-mail datat 17 ta' Novembru 2016, is-Sur Pio Farrugia mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali approva t-talba tal-Kunsill Lokali ghal sejha interna ghal ufficjal fi Skala 13.<br>Wara li s-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali bil-proceduri li kellhom jigu osservati ghall-hatra msemmija, kien hemm qbil illi l-bord ta' interviews kellu jkun kompost mis-Sindku flimkien mas-sinjuri Steven Grech u Daniel Zerafa. |
| 32.7.11 | E-mail datat 2 ta' Dicembru 2016 li permezz tieghu, is-Sur Charlton Apap ilmenta rigward il-wisa' ta' Triq Ghajn Osiris.<br>Gie deciz illi ma kien hemm xejn illi l-Kunsill Lokali seta' jaghmel fir-rigward. |
| 32.7.11 | Ittra datata 26 ta' Novembru 2016, minghand il-koperativi tas-sajjieda indirizzata lill-kummissjaru tal-pulizija rigward problemi li kienu jiltaqghu maghhom il-membri tal-istess koperativi. |
| 32.7.12 | Cirkulari 46/2016 mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li permezz taghha il-Kunsilli Lokali inghataw struzzjonijiet ghal matul il-festi tal-Milied. |
| 32.7.13 | Permezz ta' avvizi li deheru fil-gazzetta tal-Gvern l-awtorita' tal-Ippjanar habbret li kienet irceviet applikazzjonijiet ghal zvilupp bin-numri PA/02232/16, PA/03377/16, PA/04210/16, PA/06858/16, PA/06916/16, PA/03570/16,, PA/06886/16, PA/04346/16, PA/01017/16, PA/07000/16, PA/06210/16, PA/06486/16, PA/07104/16, PA/07219/16, PA/07773/16, PA/02665/16, PA/03979/16, PA/04211/16, PA/06675/16, PA/02438/10, PA/03879/16, PA/7211/16, PA/7335/16, PA/07336/16 u PA/7362/16.<br>Wara li gew evalwati l-applikazzjonijiet gie deciz illi kellhom jintalbu l-pjanti ghal applikazzjoni numru PA/07000/16 u kellha ssir talba sabiex jonqos b'sular il-bini propost f'applikazzjoni numru PA/04211/16. Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghall-applikazzjonijiet l-ohra. |
| **32.8** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' rapporti tal-laqghat ta' Kumitati u/jew Sotto-Kumitati** |
| 32.8.1 | Ma kienx hemm |
| **32.9** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti.** |
| 32.9.1 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 12/16 ) ghall-approvazzjoni. |
| 32.9.2 | Fuq mozzjoni tas-sur Steven Grech, issekondat mill-Kunsillier Daniel Zerafa, il- Kunsill Lokali unanimament approva il-pagament inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti |
| **32.11** | **Mozzjonijiet** |

| | |
|---|---|
| 32.10.1 | Ma kienx hemm |
| 31.11 | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 31.11.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30p.m. wara li ġiet eżawrita l-agenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 5 ta' Jannar 2017 fil-4:00p.m. |

Konfermati, illum 5 ta' Jannar 2017

Horace Gauci
Sindku

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv